IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.5.2015
COM(2015) 209 final

Embargo vista

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li timponi multa fuq Spanja għall-manipulazzjoni tad-dejta dwar id-defiċit fil-Komunità Awtonoma ta' Valencia

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SFOND GĦAR-RAKKOMANDAZZJONI

Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern. Id-dejta dwar id-dejn u d-defiċit tal-gvern rilevanti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 121 u 126 tat-TFUE, jew għall-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv anness mat-Trattati, hija element essenzjali għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-Unjoni.

Ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro[1] jistabbilixxi sistema ta' sanzjonijiet għat-tisħiħ tal-infurzar tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro. F'dan il-kuntest, bħala deterrent kontra r-rappreżentanza ħażina, kemm intenzjonali kif ukoll minħabba negliġenza serja, tad-dejta dwar id-dejn u d-defiċit tal-gvern, l-Artikolu 8(1) tar-Regolament jistipula li l-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li jimponi multa fuq l-Istat Membru responsabbli.

L-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni, meta ssib li hemm indikazzjonijiet serji dwar l-eżistenza ta' fatti li jistgħu jikkostitwixxu rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta dwar id-dejn u d-defiċit tal-gvern, li twettaq l-investigazzjonijiet kollha neċessarji. Fil-11 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni nediet investigazzjoni marbuta mal-manipulazzjoni tal-istatistika fi Spanja kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011.

Is-sejbiet preliminari tal-investigazzjoni b'rabta mal-manipulazzjoni tal-istatistika fi Spanja kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 intbagħtu lil Spanja għall-osservazzjonijiet tagħha fid-19 ta' Frar 2015, kif mitlub mill-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678. Il-Kummissjoni stiednet lil Spanja biex tippreżenta l-osservazzjonijiet bil-miktub dwar is-sejbiet preliminari sad-19 ta' Marzu 2015. Spanja pprovdiet l-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub fl-24 ta' Marzu 2015.

Fil-[xx] ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport tagħha dwar l-investigazzjoni marbuta mal-manipulazzjoni tal-istatistika fi Spanja kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011[2] (ir-Rapport), fejn qieset l-osservazzjonijiet ta' Spanja.

Ir-Rapport jikkonkludi li entità fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika tar-Renju ta' Spanja, l-Uffiċċju Reġjonali tal-Awditjar tal-Komunità Awtonoma ta' Valencia (IGGV), kienet serjament negliġenti dwar in-nuqqas ta' reġistrazzjoni tan-nefqa fuq is-saħħa u n-nuqqas ta' rispett tal-prinċipju tad-dovuti fil-kontijiet nazzjonali (ESA 95), u dan wassal biex f'Marzu 2012 Spanja rrappurtat lill-Eurostat dejta żbaljata dwar id-defiċit tal-gvern. Barra minn hekk, ikkonkluda li n-nuqqas ta' reġistrazzjoni tan-nefqa ma ġiex rettifikat minkejja l-informazzjoni pubblikament disponibbli dwar l-eżistenza u l-firxa tal-problema fir-rappurtar tal-Qorti Reġjonali tal-Awdituri.

Hemm preżenti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(1) tar- Regolament (UE) Nru 1173/2011 biex il-Kunsill jiġi rrakkomandat jimponi multa fuq l-Istat Membru, fejn tidħol ir-rappreżentanza ħażina tad-dejta dwar id-defiċit li seħħet meta Spanja rrappurtat id-dejta żbaljata lill-Eurostat f'Marzu 2012, jiġifieri wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament fit-13 ta' Diċembru 2011. Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament, l-ammont tal-multa ma għandux ikun ogħla minn 0,2 % tal-aħħar prodott domestiku gross (PDG) tal-Istati Membri kkonċernati.

---

1 ĠU L 306, 23.11.2011, p. 1.

2 […]

2. KALKOLU TAL-MULTA

Skont l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE tad-29 ta' Ġunju 2012 dwar l-investigazzjonijiet u l-multi marbuta mal-manipulazzjoni tal-istatistika kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011[3], il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-multa li trid tiġi rrakkomandata tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva. Il-multa tiġi stabbilita bl-użu ta' metodoloġija bbażata fuq żewġ stadji. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tiddetermina l-ammont ta' referenza. It-tieni, hija tista' taġġusta dan l-ammont ta' referenza 'l fuq jew 'l isfel meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ.

Skont l-Artikolu 14(2) tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE, l-ammont ta' referenza tal-multa li trid tiġi imposta huwa daqs 5 % tal-impatt akbar tar-rappreżentazzjoni ħażina tad-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ta' Spanja għas-snin rilevanti koperti bin-notifika fil-kuntest tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (EDP). Ir-reviżjoni tan-nefqa rrappurtata mir-Renju ta' Spanja għan-notifika tal-EDP ta' April 2012, li tikkorrispondi (prinċipalment) għan-nefqa mhux imħallsa fuq is-saħħa, kienet tammonta għal EUR 1,893 biljun. Għalhekk, l-ammont ta' referenza huwa ta' EUR 94,65 miljun.

B'kunsiderazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(a) tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE, ir-Rapport jikkonkludi li r-rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta ma kellha l-ebda impatt sinifikanti fuq il-funzjonament tal-governanza ekonomika msaħħa tal-Unjoni, minħabba l-impatt limitat fuq id-defiċit tar-Renju ta' Spanja kollu kemm hu. Barra minn hekk, meta tqis ir-rappurtar taċ-ċifri korretti li sar ftit wara l-pubblikazzjoni tad-dejta żbaljata dwar id-defiċit ta' Spanja f'April 2012, li permezz tiegħu r-reviżjoni tad-dejta dwar id-defiċit ta' Spanja setgħet issir xorta waħda fl-2012, fid-dawl taċ-ċirkostanzi konkreti, il-Kummissjoni tqis għalhekk li r-Renju ta' Spanja **jista' jingħata tnaqqis tal-ammont tal-multa**.

Meta jqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(b) tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE, ir-Rapport jindika li r-rappreżentazzjoni ħażina kienet ir-riżultat ta' negliġenza serja. Ir-Rapport ma jikkonkludix li r-rappreżentazzjoni żbaljata kienet waħda intenzjonata u fid-dawl taċ-ċirkostanzi konkreti, ma ġiet applikata l-ebda l-modulazzjoni abbażi ta' dan il-kriterju.

Meta jqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(c) tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE, ir-Rapport jikkonkludi li r-rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta twettqet essenzjalment minn entità waħda fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika tar-Renju ta' Spanja (ara, b'mod partikolari, it-Taqsima 3 tar-Rapport). Fid-dawl taċ-ċirkostanzi konkreti u abbażi ta' dan il-kriterju, il-Kummissjoni tqis li r-Renju ta' Spanja **jista' jingħata tnaqqis tal-multa**.

Għalkemm ir-Rapport ikkonkluda wkoll li l-informazzjoni dwar l-eżistenza u l-firxa tal-problema kienet disponibbli pubblikament fuq għadd ta' snin fir-rappurtar tal-Qorti tal-Awdituri Reġjonali, din iċ-ċirkustanza ma ġietx ikkunsidrata fid-dawl ta' modulazzjoni 'l fuq tal-multa, billi għall-parti l-kbira tal-perjodu investigat, jiġifieri sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011 fit-13 ta' Diċembru 2011, ma ġiet prevista l-ebda sanzjoni għar-rappreżentazzjoni ħażina mill-Istati Membri tad-dejta dwar id-dejn u d-defiċit tal-gvern.

Meta jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(d) tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE, il-punt tat-tluq huwa li l-ammont ta' referenza għandu jkun il-massimu individwat u għandu jiġi mmultiplikat bin-numru ta' snin, tul l-erba' snin tal-aħħar notifika, li matulhom seħħet ir-rappreżentazzjoni ħażina rilevanti. L-investigazzjoni żvelat rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta dwar id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ta' Spanja għal għadd ta' snin li jmorru lura saħansitra sal-1988 (ara, b'mod partikolari, it-Taqsima 2.3 u

[3] ĠU L 306, 6.11.2012, p. 21.

3 tar-Rapport). Madankollu, fid-dawl tal-fatt li r-Regolament (UE) Nru 1173/2011 daħal fis-seħħ biss fit-13 ta' Diċembru 2011 u li ma ġiet prevista l-ebda sanzjoni għal rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta dwar id-dejn u d-defiċit tal-gvern qabel dik id-data, ma ġiet applikata l-ebda modulazzjoni abbażi ta' dan il-kriterju u fid-dawl taċ-ċirkostanzi konkreti.

Meta jqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(e) tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE, ir-Rapport jikkonkludi li l-awtoritajiet tal-istatistika Spanjoli u l-entitajiet kollha kkonċernati wrew livell għoli ta' kooperazzjoni matul l-investigazzjoni, billi pprovdew lill-Kummissjoni l-informazzjoni mitluba u meħtieġa għall-investigazzjoni (ara, b'mod partikolari, it-Taqsima 3 tar-Rapport). Fid-dawl taċ-ċirkostanzi konkreti u abbażi ta' dan il-kriterju, il-Kummissjoni tqis li r-Renju ta' Spanja **jista' jingħata tnaqqis tal-multa**. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qieset il-prattika tagħha fil-qasam tal-kompetizzjoni, fejn il-multi jistgħu jitnaqqsu b'massimu ta' 50 % abbażi tal-kooperazzjoni mal-Kummissjoni matul l-investigazzjoni.

B'mod ġenerali, meta tqis il-kooperazzjoni tar-Renju ta' Spanja matul l-investigazzjoni, kif ukoll iċ-ċirkostanzi attenwanti ulterjuri fil-każ konkret kif imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill li l-multa li għandha tiġi imposta fuq Spanja tiġi stabbilita għal EUR 18,93 miljun, li tikkorrispondi għal 20 % tal-ammont ta' referenza.

L-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011 jistipula li l-ammont totali tal-multa ma għandux ikun ogħla minn 0,2 % tal-aħħar prodott domestiku gross (PDG) tar-Renju ta' Spanja. Il-multa rrakkomandata ma għandhiex taqbeż iż-0,2 % tal-PDG ta' Spanja fl-2014.

3. KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONI

Bħala konklużjoni, ir-Rapport tal-Kummissjoni jsib li entità (IGGV) fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika tar-Renju ta' Spanja kienet serjament negliġenti dwar in-nuqqas ta' reġistrazzjoni tan-nefqa fuq is-saħħa (u n-nuqqas ta' rispett tal-prinċipju tad-dovuti) fil-kontijiet nazzjonali (ESA 95), u dan wassal għal rappurtar żbaljat tad-dejta dwar id-defiċit lill-Eurostat fl-2012, jiġifieri wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 1173/2011. Abbażi ta' dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill li tiġi imposta multa fl-ammont ta' EUR 18,93 miljun fuq ir-Renju ta' Spanja.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li timponi multa fuq Spanja għall-manipulazzjoni tad-dejta dwar id-defiċit fil-Komunità Awtonoma ta' Valencia

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE tad-29 ta' Ġunju 2012 dwar l-investigazzjonijiet u l-multi marbuta mal-manipulazzjoni tal-istatistika kif imsemmi fir- Regolament (UE) Nru 1173/2011[5],

Wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-investigazzjoni marbuta mal-manipulazzjoni tal-istatistika fi Spanja kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 adottat fil-[xx] ta' Mejju 2015[6],

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern. Id-dejta dwar id-dejn u d-defiċit tal-gvern rilevanti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 121 u 126 tat-TFUE, jew għall-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv anness mat-Trattati, hija element essenzjali għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-Unjoni.

(2) Sabiex jissaħħaħ l-infurzar tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro, u tiġi evitata r-rappreżentanza ħażina, kemm intenzjonali kif ukoll minħabba negliġenza serja, tad-dejta dwar id-dejn u d-defiċit u tal-gvern, il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li jimponi multa fuq l-Istat Membru responsabbli.

(3) Fil-11 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni nediet investigazzjoni marbuta mal-manipulazzjoni tal-istatistika fi Spanja kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011. Is-sejbiet preliminari tal-investigazzjoni ntbagħtu lil Spanja għall-osservazzjonijiet tagħha fid-19 ta' Frar 2015, kif meħtieġ skont id-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678. Spanja pprovdiet l-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub dwar is-sejbiet preliminari fl-24 ta' Marzu 2015.

---

4 ĠU L 306, 23.11.2011, p. 1.
5 ĠU L 306, 6.11.2012, p. 21.
6 […]

(4) Fil-[xx] ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-investigazzjoni marbuta mal-manipulazzjoni tal-istatistika fi Spanja kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011, fejn qieset l-osservazzjonijiet ta' Spanja.

(5) Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni tikkonkludi li entità fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika tar-Renju ta' Spanja, l-Uffiċċju Reġjonali tal-Awditjar tal-Komunità Awtonoma ta' Valencia (IGGV), kienet serjament negliġenti dwar in-nuqqas ta' reġistrazzjoni tan-nefqa fuq is-saħħa u n-nuqqas ta' rispett tal-prinċipju tad-dovuti fil-kontijiet nazzjonali, u dan wassal biex f'Marzu 2012 Spanja rrapputat lill-Kummissjoni (Eurostat) dejta żbaljata dwar id-defiċit tal-gvern. Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-Kummissjoni, jagħmel sens li wieħed jikkonkludi li rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta dwar id-defiċit b'negliġenza serja seħħet meta Spanja rrappurtat iċ-ċifri żbaljati lill-Eurostat f'Marzu 2012. Dawn l-elementi jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' multa.

(6) L-ammont tal-multa rrakkomandata ma għandux jaqbeż iż-0,2 % tal-prodott domestiku gross ta' Spanja fl-2014.

(7) L-ammont ta' referenza tal-multa li trid tiġi imposta jrid ikun daqs 5 % tal-impatt akbar tar-rappreżentazzjoni ħażina tad-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ta' Spanja għas-snin rilevanti koperti bin-notifika fil-kuntest tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (EDP). Ir-reviżjoni tan-nefqa rrappurtata mir-Renju ta' Spanja għan-notifika tal-EDP ta' April 2012 kienet tammonta għal EUR 1,893 biljun. Għalhekk, l-ammont ta' referenza għandu jkun stabbilit għal EUR 94,65 miljun.

(8) B'kunsiderazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(a) tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE, ir-rapport tal-Kummissjoni jikkonkludi li r-rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta ma kellha l-ebda impatt sinifikanti fuq il-funzjonament tal-governanza ekonomika msaħħa tal-Unjoni, minħabba l-impatt limitat fuq id-defiċit tar-Renju ta' Spanja kollu kemm hu. Barra minn hekk, dan jikkonkludi li r-rappurtar taċ-ċifri korretti li sar ftit wara l-pubblikazzjoni tad-dejta żbaljata dwar id-defiċit ta' Spanja f'April 2012, li permezz tiegħu r-reviżjoni tad-dejta dwar id-defiċit ta' Spanja setgħet issir xorta waħda fl-2012. Dawn l-elementi jiġġustifikaw li jitnaqqas l-ammont tal-multa.

(9) Meta jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(b) tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE, ir-rapport tal-Kummissjoni jikkonkludi li r-rappreżentazzjoni ħażina kienet ir-riżultat ta' negliġenza serja. Ma għandha tiġi applikata l-ebda modulazzjoni għall-ammont tal-multa f'dan ir-rigward.

(10) Meta jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(c) tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE, ir-rapport tal-Kummissjoni jikkonkludi li r-rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta twettqet essenzjalment minn entità waħda fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika tar-Renju ta' Spanja. Dawn l-elementi jiġġustifikaw li jitnaqqas l-ammont tal-multa.

(11) Meta jqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(d) tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE, ir-rapport tal-Kummissjoni jikkonkludi li l-azzjonijiet rilevanti tal-Istat Membru li fuqhom tista tiġi bbażata multa, huma dawk li seħħew fil-perjodu mit-13 ta' Diċembru 2011, meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011, sakemm tnediet l-investigazzjoni. Jikkonkludi wkoll li d-dejta dwar id-defiċit irrappurtata ħażin ġiet korretta b'rabta man-notifika tal-EDP ta' Ottubru 2012. Ma għandha tiġi applikata l-ebda modulazzjoni għall-ammont tal-multa minħabba t-tul ta' żmien tar-rappreżentanza ħażina.

(12) Meta jqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(e) tad-Deċiżjoni ta’ Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE, ir-rapport tal-Kummissjoni jikkonkludi li l-aworitajiet tal-istatistika Spanjoli u l-entitajiet kollha kkonċernati wrew livell għoli ta' kooperazzjoni matul l-investigazzjoni. Dawn l-elementi jiġġustifikaw li jitnaqqas l-ammont tal-multa.

(13) Fid-dawl ta’ dawn iċ-ċirkustanzi, il-multa li trid tiġi imposta fuq ir-Renju ta’ Spanja għandha tiġi stabbilita għal EUR 18,93 miljun,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ġiet imposta multa ta’ EUR 18,93 miljun fuq Spanja għar-rappreżentazzjoni ħażina, minħabba negliġenza serja, tad-dejta dwar id-defiċit tal-gvern, kif stabbilit fir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-investigazzjoni marbuta mal-manipulazzjoni tal-istatistika fi Spanja kif imsemmi fir- Regolament (UE) Nru 1173/2011.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President